MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## AUDREY DEMICOLI

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2015

Numru. 320/2012

**Il-Pulizija**

**Spettur Kylie Borg**

**vs**

**Silvester Zahra**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’ Silvester Zahra detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 207288(M).

Akkuzat talli fis-17 ta’ Marzu, 2012 ghal habta ta’ 17.45hrs fi Triq Patri Guzepp Delia fis-Siggiewi saq vettura tal-ghamla Volkswagen bin-numru ta’ registrazzjoni BAG013 fid-direzzjoni ta’ Naomi Tanti u Roderick Vassallo bil-hsieb li jikkaguna debbulizza permanenti fis-sahha u fil-funzjoni ta’ xi parti tal-gisem li gabet difett permanenti f’ parti tal-ghamla tal-gisem jew marda permanenti tal-mohh, bi ksur tal-Art 41 1 (b) u 218 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi saq l-istess vettura b’ nuqqas ta’ kont, bi traskuragni jew b’ mod iehor perikoluz bi ksur tal-Art 15(1)(a) tal-Kap 65 tar-regolamenti tat-traffiku;

Akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi ghamel griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Naomi Tanti;

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku b’ ghajjat, glied u kliem oxxen fil-pubbliku bi ksur tal-art 338(dd) u Art 339(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi, f’ dawn il-gzejjer fi Triq Patri Guzepp Delia fis-Siggiewi saq vettura tal-ghamla Golf b’ numru ta’ registrazzjoni BAG013 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-awtorita dwar it-trasport ta’ Malta;

U aktar talli, fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, f’ dawn il-Gzejjer ma kienx kopert b’ polza ta’ sigurta’ dwar terzi persuni, u dan bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-ligijiet ta’ Malta;

Akkuzat ukoll talli sar recidiv b' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta Magistrat Dr J Padovani Grima LL.D tal-15/11/07 u li kiser il-kundizzjoni mposta fuqu b' dik is-sentenza.

Il-Prosekuzzjoni talbet li f' kaz ta' htija, l-imsemmi Silvester Zahra jigi skwalifikat milli jiehu jew ikollu ebda licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta' mhux anqas minn 11 –il xahar.

Rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali datata 8 t' Awwissu, 2013 (esebita a fol. 133 tal-atti processwali) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfronti tal-imputat taht dak li hemm mahsub;

a) Fl-artikoli 17, 31, 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) Fl-artikoli 41, 218 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) Fl-artikoli 15(1)(a), 15(2), 15(3), 22 tal-Kapitolu 659 tal-Ligijiet ta' Malta;
d) Fir-Regolament 127(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11, taht il-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
e) Fl-artikoli 338(dd) u 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
f) Fl-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta;
g) Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li waqt l-udjenza tat-30 ta' Mejju, 2014 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet Finali maghmula mill-Prosekuzzjoni.

Rat li d-Difiza ma prezentatx in-Nota ta' Sottomissjonijiet Finali taghha entro t-terminu lilha prefiss.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw incident li nqala fis-17 ta' Marzu, 2012 ghall-habta ta' 17:45hrs Fi Triq Patri Guzepp Delia Siggiewi fejn l-imputat Sylvester Zahra hebb ghall-kwerelanti Naomi Tanti u saq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BAG013 fid-direzzjoni taghha bl-intenzjoni li jweggaha. Wara li sar ir-rapport[1] relattiv minn Naomi Tanti rrizulta lill-Pulizija li l-imputat kien qed isuq il-vettura ndikata minghajr licenzja tas-sewqan. Inoltre l-kwerelanti sussegwentement qalet lill-Pulizija li ma xtaqitx tkompli bil-proceduri kriminali fil-konfronti tal-imputat u dan wara li beda jikkonvinciha tghid hekk il-boyfriend taghha Roderick Vassallo. Meta ghamlet ir-rapport Naomi Tanti spjegat li hija kienet qed tistenna lill-boyfriend taghha barra d-dar tieghu u meta dan wasal mal-imputat u hija bdiet tghajjat dan tal-ahhar saq ghal fuqha darbtejn u ma laqathiex ghaliex hija resqet lura u mbaghad hareg mill-vettura tieghu, waqqaghha mal-art u beda jaghtiha bil-ponn u bis-sieq.

Naomi Tanti, regghet sostniet din l-istess verzjoni meta Xehdet fl-udjenza tal-5 t' Ottubru 2012 (a fol 71 et seq), stqarret illi dakinhar tal-incident, hija kienet f' relazzjoni ma' Roderick Vassallo, u kienet

[1] Vide rapport inserit a fol 25 et sequitur tal-atti processwali

qed tistennih hdejn id-dar tieghu s-Siggiewi wara li hi kienet marret il-funeral taz-ziju taghha. Stqarret illi kienet irrabjat meta rat li s-sieheb taghha kien dam, u kien mar hdejha fil-kumpanija ta' Silvester Zahra, illi hi gharfet quddiem il-Qorti. Tanti tghid illi z-zewg guvintur kienu gew naqra fis-sakra u hekk, kienu naqra xurbani u f' daqqa wahda bdew jillatikaw u l-imputat qabad u saq ghal fuqha. Meta Tanti giet mistoqsija min kien qed isuq il-vettura, hija qalet mill-ewwel, u minghajr ezitazzjoni, illi kien Silvester Zahra. Ikkonfermat ukoll dak li kienet qalet lill-Pulizija dakinhar tal-incident, illi kien Zahra li kien saq ghal fuqha u li l-gharus taghha kien mieghu, riekeb fl-istess karozza, fuq quddiem, fuq in-naha tal-passiggier (referenza a fol 72). Terga tirrepeti illi 'kont qeghda quddiem il-karozza jien, qabad gas down u saq fuqi. U jiena ersaqt. Li kieku ma' ersaqtx jigifieri, ma nafx x' kien jigri. Ersaqt u baqa' diehel gol-karozza. Imbaghad qbadt u tlaqt 'l hemm jiena'. Ikkonfermat ukoll illi ma kien hemm hadd iktar fil-karozza apparti l-gharus taghha Roderick u l-persuna li kienet qed isuq kien Silvester Zahra li tafu ghaliex huwa habib tas-sieheb taghha. Hi ikkonfermat ukoll li lil missier Silvester Zahra kienet tafu ftit u ma kinitx ratu imkien dakinhar tal-incident.

Fid-19 ta' Lulju 2012, xehed ukoll Roderick Vassallo, is-sieheb ta' Naomi Tanti, (a fol 44 et seq), fejn stqarr illi ma kien jiftakar xejn min dak li gara dakinhar tal-incident. Ir-raguni li ta lil Qorti kienet, li hu kien fis-sakra. Meta mistoqsi fuq kif kien gara l-incident, li kien mar jirraporta hu stess flimkien mal-gharusa tieghu, hu stqarr li ma jiftakarx, u kienu 'rawni xurban insomma u wasluni d-dar' (fol 45). Ghalkemm jghid li ma jiftakar xejn min dak li kien gara, fix-xhieda tieghu Roderick Vassallo ftakar li fil-karozza kien hemm certu Frans,

li jigi missier l-imputat u l-istess imputat apparti hu. Jiftakar illi t-tfajla tieghu bdiet tghajjat, imma ma jiftakar xejn aktar, izda imbaghad ftakar li mar l-ghassa mat-tfajla tieghu, fejn qal li kien ghamel hekk propju ghax Tanti ‘ghamlitli xenati barra u fejn id-dar u ghajjat u sahansitra gew il-Pulizija imbaghad fejn id-dar tkellimt maghhom jiena u missieri. Dan anke hi trid tahfer u daqshekk l-istorja...’. Iktar tard fix-xhieda tieghu Vassallo ftakar li kif kien ser iwassal lil Tanti taghmel certifikat mediku izda kif waslu nofs triq Tanti fethet il-bieba u ma marrux il-policlinic.

Ix-xhieda ta’ Roderick Vassallo, tikkuntrasta bil-kbir ma’ dak li kien effettivament irrapporta mal-Pulizija dakinhar tal-incident, fejn kien qal (a fol 27 u 28), illi kien Silvester Zahra li kien qed isuq il-vettura tal-ghamla Volkswagen Golf.

Il-Pulizija li xehdu f’ dawn il-proceduri, u cioe’ PS 1141 (a fol 33), irrakontaw illi persuna femminili, li wara irrizulta li kienet Naomi Tanti kienet dahlet l-Ghassa dakinhar tas-17 ta’ Marzu 2012, fejn ‘bdiet tibki u kienet imfixkla u bdiet tghid li ‘prova jtajjarni, prova itajjarni’. Is-Surgent irrakonta ukoll lil kien ipprova jikkalma lil Tanti, fejn din qaltlu ‘kont qeghda s-Siggiewi nistenna lill-boyfriend tieghi fejn hin minnhom gie ma’ Silvester Zahra, fejn hin minnhom din bdiet tghajjat u dan prova jsuq fuqha darbtejn’. Din il-verzjoni kienet ukoll ikkoroborata bix-xhieda li ta PC 929 (a fol 40), fejn dan il-Kuntistabbli stqarr illi Roderick Vassallo kien qal lill-Pulizija li ‘Silvester kien ser iwaslu d-dar t’ ommu fejn kien hemm Naomi u kif waslu d-dar din Naomi bdiet tghajjat ghax ma riditx lil Silvester

jaghmilha ma’ Roderick, bdiet tghajjat mieghu, saq ghal fuqha darbtejn u nizel u qabad jaghtiha u imbaghad zammu hu’. Pulizija iehor, u cioe’ PC 1281 (a fol 43) ukoll ikkonferma l-verzjoni li kien ta Roderick Vassallo lill-Pulizija dakinhar tal-incident.

Ikkunsidrat:

Illi f’ dawn il-proceduri l-Avukat Generali indika li tista’ tinstab htija jew htijiet fil-konfronti tal-imputat taht l-Artikoli 41 u 218 tal-Kodici Kriminali (attentat li jikkaguna feriti ta’ natura gravi u li jhallu debilita’ permanenti lil Naomi Tanti u lil Roderick Vassallo), taht l-Artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali (ksur tal-paci pubblika b’ ghajjat u glied) u taht l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali (ngurji u theddid lil haddiehor). L-imputat qieghed inoltre jigi akkuzat li saq vettura minghajr ma kien kopert b’ licenzja tas-sewqan, b’ sewqan perikoluz u bla kont u li ma kienx kopert b’ polza ta’ assikurazzjoni li tkopri lil terzi persuni, kif ukoll li huwa recidiv.

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda tal-kwerelanti Naomi Tanti irrizulta minghajr ombra ta’ dubju li l-imputat Sylvester Zahra kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BAG 013 fid-data, lok u hin indikati fic-charge sheet u li huwa prova jsuq l-istess vettura ghal fuqha darbtejn meta hija kienet quddiem l-istess vettura u kien biss ghaliex hija resqet lura li huwa naqas milli jolqotha u kif spjegat hi jaqtalha saqajha barra. Il-Qorti setghat tinnota li l-kwerelanti baqghet isostni l-istess verzjoni li tat a tempo vergine lill-Pulizija u li l-komportament taghha

fuq il-pedana tax-xhieda ma halla l-ebda dubju f' mohh din il-Qorti li hija kienet qed tghid il-verita'. L-istess haga ma tistax tinghad ghax-xhieda ta' Roderick Vassallo li xehed f' zewg okkazzjonijiet quddiem din il-Qorti u kien evidenti li huwa kien qed jipprova jimminimizza l-affarijiet billi jghid li kien fis-sakra u ma jiftakarx ezattament x' kien gara. Il-Qorti ghalhekk jidrilha li l-imputazzjoni mmarkata bhala (b) tirrizulta pruvata sal-grad rikjest mil-ligi salv li jrid jigi puntwalizzat li din tirrizulta pruvata biss in kwantu jirrigwarda Naomi Tanti stante li la mix-xhieda ta' Naomi Tanti u l-anqas mix-xhieda ta' Roderick Vassallo ma jirrizulta li l-imputat ittenta jikkaguna griehi ta' natura gravi u li jhallu debilita' permanenti lil Roderick Vassallo kif ndikat fl-imputazzjoni (b).

Mill-istess xhieda ta' Naomi Tanti jirrizulta inoltre li l-imputat kiser il-paci pubblika b' ghajjat u glied u li ngurja u hedded lill-istess Naomi Tanti u li huwa kien qed isuq il-vettura indikata fic-charge sheet b' manjiera perikoluza u bla kont fejn prova jtajjar lill-istess Naomi Tanti sabiex iweggaha.

Mix-xhieda tar-rapprezentant tal-Awtorita' tat-Trasport, Brian Farrugia, a fol. 65, u mid-dokumenti minnu esebiti jirrizulta inoltre li l-imputat ma kienx kopert b' licenzja tas-sewqan u jsegwi ghalhekk li huwa ma setghax kien kopert b' polza ta' assikurazzjoni kontra r-riskji ghal terzi persuni. F' dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghall-Artikolu 3(1A) ta-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li ikun prezunt li ma kienx hemm polza ta' assikurazzjoni kemm il-darba min jigi akkuzat bir-reat taht is-sub artikolu (1) ma jgibx prova kuntrarja billi juri certifikat ta' assikurazzjoni mahrug taht l-Artikolu 4(4). Tali prova qatt ma ngabet mill-imputat u kwindi qed jigi prezunt

li ma kienx hemm polza ta’ assikurazzjoni li tkopri lil terzi persuni fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BAG 013 meta din kienet qed tigi misjuqa mill-imputat li ma kellux licenzja tas-sewqan fiz-zmien in dizamina.

Illi mill-vera kopja tas-sentenza nserita a fol. 99 et sequitur tal-atti processwali fejn hemm imnizzel l-istess konnotati tal-imputat fil-kawza odjerna jirrizulta wkoll li l-imputat huwa recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali kif ukoll li huwa diga’ nstab hati li saq minghajr licenzja tas-sewqan u li ma kienx kopert b’ polza ta’ assikurazzjoni kontra riskji ghal terzi persuni.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat li l-imputat huwa recidiv kif ukoll il-gravita’ tar-reati li taghhom qed jinstab hati u fic-cirkostanzi jidrilha li m’ ghandiex alternattiva salv li timponi piena karcerarja effettiva u skwalifika milli l-imputat jottjeni jew izomm licenzja tas-sewqan liema skwalifika ghandha tibda’ tapplika mid-data minn meta l-imputat jispicca jiskonta l-piena karcerarja li ser tigi mposta fuqu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta’ Rinviju ghall-Gudizzju tat-8 ta’ Awwissu 2013 u senjatament l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 41(1)(a), 218, 338(dd), 339(1)(e), tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-Artikoli 15(1)(a), 15(2), 15(3) u 32 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta Malta, ir-Regolament 127(1) tal-LS 65.11 taht il-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet mmarkati bhala (a), (b), (c), (e) (limitatament in kwantu jirrigwarda l-ksur tal-buon ordni u paci pubblika, (f), (g) u (h)

u tikkundannah tnax (12) –il xahar prigunerija u tiskwalifikah milli jzomm jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sentejn (2) liema perjodu ta’ skwalifika ghandu jibda jiddekorri mill-gurnata li fiha l-imputat jispicca jiskonta il-perjodu ta’ prigunerija li qed jigi kkundannat permezz ta’ din is-sentenza. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjoni mmarkata bhala (d) u konsegwentement tilliberah minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------